Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 20 ta’ April 2001.

Avviz Nru: 1675/00

Joseph Deguara

Vs

George Camenzuli

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ erba’ mitt Liri Maltin (Lm400) depozitu mhallas lilu akkont ta’ xoghol u materjal li obbliga ruhu li jaghmel skond skrittura datata 13 ta’ Lulju 1999, liema xogholijiet hu naqas li jaghmel nonostante li gie interpellat sabiex jaghmel dan diversi drabi inkluz permezz ta’ ittra ufficjali.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-hlas lilu sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li jinsab minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat la deher biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma. U l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma mitluba ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-imghaxijiet legali b'effett mit-13 ta' Lulju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg